**6 ta' Mejju, 1993**

**Imħallef: –**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.**

Il-Pulizija (Spt. Spiridione Bugeja)

*versus*

Arthur Agius

**Evażjoni ta' Dazju – Rekwiżit ta' Xjenza**

*Meta l-imputat ma jkunx l-importatur ta' l-oġġett jew il-kompliċi tiegħu, jew l-esekutur immedjat ta' l-att ta' kontrabandu, iżda jkun ħaddieħor, allura jkun meħtieġ għall-kontravvenzjoni r-rekwiżit tax-xjenza, jiġifieri li l-imputat ikun jaf, jew messu raġonevolment ikun jaf, li d-dazju dwar dak l-oġġett ma kienx ġie mħallas.*

Il-Qorti: –

Rat l-imputazzjonijiet li:

1. Fit-22 ta' Mejju, 1989 fil-fond "Aanatre", 115 Pietru Griscti Street, Rabat, l-imputat kellu fil-pussess jew taħt il-kontroll tiegħu l-oġġett/oġġetti murija fin-nota ta' qbid bin-numru 112/89, ta' valur ta' Lm430.50,0 u ta' dazju ta' Lm202.33,0 li l-importazzjoni dwar l-istess oġġett/oġġetti hi pprojbita jew ristretta u d-dazju ma ġiex imħallas jew ikkawtelat bi ksur ta' l-artikolu 60(a)(ċ) u l-artikolu 62(a)(b))(ċ)(f)(ġ)(h)(i) u (k) ta' l-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37;

2. Għamilha ta' negozjant/bejjiegħ mingħajr liċenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija, bi ksur ta' l-artikolu 181 u 319 tal-Kapitolu 10;

3. Xtara l-imsemmija affarijiet mingħand persuna li ma jafhiex bi ksur tar-regolamenti 9(1), 23(4) ta' l-Avviż Legali 21/72;

Rat is-sentenza tad-19 ta' Mejju, 1992 li biha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabet lill-imputat ħati ta' l-ewwel akkuża u kkundannatu għall-multa ta' elf u tlieta u sittin Lira Maltija u tlieta u tletin ċenteżmu, (Lm1063.33,0), u ordnat il-konfiska ta' l-oġġetti murija fin-nota ta' qbid 112/89 favur il-Gvern ta' Malta, u għal dak li jirrigwarda t-tieni u t-tielet akkużi, peress li ma rriżultawx debitament ippruvati ma sabitux ħati u lliberatu minnhom;

Rat ir-rikors ta' l-appell li bih l-imputat talab li din il-Qorti tirriforma dik is-sentenza billi tikkonfermaha fejn huwa ġie

misjub mhux ħati u lliberat u tirrevokaha fejn l-imputat ġie misjub ħati u kkundannat, u tilliberah mill-imputazzjonijiet kollha;

Rat l-atti l-oħrajn u kkunsidrat illi:

1. Irriżulta li l-appellant kellu fil-pussess tiegħu numru ta' qomos u qliezet li l-imputazzjoni tagħhom kienet soġġetta għall-ħlas tad-dazju. Bl-artikolu 77 ta' l-Ordinanza tad-Dwana, *Kapitolu 37, il-piż tal-prova* li d-dazju relattiv ġie mħallas jinkombi lill-appellant. Din il-prova l-appellant ma għamilhiex;

2. L-aggravju tiegħu huwa li fis-sitwazzjoni li sab ruħu fiha l-appellant ma kellux mezz iforni l-prova msemmija, u li miċ-ċirkostanzi jista' biss juri li d-dazju tħallas;

3. L-appellant xehed li huwa kien xtara l-oġġetti in kwistjoni mingħand persuna li qal li kien jafha biss minn wiċċha. Ma kienx fi grad jindika din il-persuna lill-Pulizija;

4. Meta ġew misjuba l-oġġetti fil-pussess tiegħu, il-Pulizija staqsew lill-appellant jekk kellux id-dokumenti tad-dawna. Hu weġibhom li kellu, però ma tahomlhomx. Imbagħad fl-istqarrija lill-Pulizija u fix-xiehda tiegħu, l-appellant qal li ma kellux dawk id-dokumenti. Qal ukoll li lil dak li kien xtara l-oġġetti mingħandu ma kienx talbu dawk id-dokumenti, u dan ma kienx tah dokumenti tali;

5. Huwa veru li fejn l-imputat ma jkunx l-importatur ta' l-oġġett jew il-kompliċi tiegħu, jew l-esekutur immedjat ta' l-att ta' kontrabandu, iżda jkun ħaddieħor, bħall-appellant odjern, allura jkun jeħtieġ għall-kontravvenzjoni r-rekwiżit tax-xjenza,

jiġifieri li l-imputat kien jaf jew messu raġonevolment ikun jaf, li d-dazju dwar dak l-oġġett ma kienx ġie mħallas. (Kollez. Vol. XXXII.IV.955);

6. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ preżenti, din il-Qorti hija sodisfatta li l-appellant, anki jekk ma kienx jaf li d-dazju fuq l-oġġetti in kwistjoni ma kienx imħallas, dan messu kien jafu. F'dawn iċ-ċirkostanzi kellu raġonevolment jiġih is-suspett dwar il-ħlas tad-dazju relattiv. In-nuqqas ta' *buona fede* tiegħu tirriżulta mill-konflitt fid-dikjarazzjonijiet tiegħu rigward l-eżistenza tad-dokumenti tad-Dwana;

Għalhekk tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.